MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 1136/2002/1

**Dennis Farrugia, f'ismu *proprio* u ghan-nom, fl-interess u in rapprezentanza ta' bintu minuri Lara Farrugia**

**v.**

**Carmen Farrugia Romano**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur *proprio et nomine*, wara illi

ppremetta illi huwa ottjena l-awtorizzazzjoni mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili (digriet numru 1176/02) sabiex jipprocedi ghall-firda legali minn ma' martu l-konvenuta a bazi ta' Artikolu 37 tal-Kodici Civili (dokument DF1); illi l-kontendenti ingha(q)du fis-sagrament taz-zwieg fl-erbatax (14) ta' Frar, 1999, fil-Knisja tal-Madonna tal-Herba, Birkirkara (dokument DF2);  illi mir-relazzjonijiet intimi ta' bejn il-kontendenti twieldet tarbija, tifla, Lara Jayne, fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, 1998, liema tarbija hija diskriminatorjament indikata bhala illegittima u l-attur indikat bhala missier illegittimu fl-att tat-twelid , numru ta' iskrizzjoni 3568/02.10.1998 (*sic*) (dokument DF3);  illi l-minuri ghandha l-età ta' erbgha (4) snin;  illi l-konvenuta wkoll permezz ta' digriet numru 1177/2002 ottjeniet digriet (dokument DF4);  illi nhar it-tnejn (2) ta' Mejju, 2001, in atti Nutar Dottor Victor John Bisazza l-kontendenti akkwistaw id-dar konjugali odjerna li tinsab sitwata f'San Gwann, appartament numru 2, St. Patrick's Court, Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann, liema residenza ghadha inabitabbli peress illi qabel mal-kontendenti kellhom l-opportunità li jmorru jghixu fiha, digà kienu sehhew ic-cirkostanzi li taw lok ghall-proceduri ta' firda legali odjerna (dokument DF5);  illi l-kontendenti damu jghixu taht l-istess saqaf ghall-perjodu ta' madwar tlett snin u nofs, meta l-konvenuta bdiet tinsisti li tohrog tahdem, pass illi ghamlet f'gieh l-emancipazzjoni u l-libertà li n-nisa mizzewgin iriedu (*sic*), u l-konvenuta waqghet fin-nassa li twissina kontra taghha l-istess Bibbja, li dan gab l-inizjar ta' nuqqas ta' interess u t-tifrik ta' dan iz-zwieg, b'mod illi l-kuntatti bejn il-konjugi bdew aktar u aktar jisfumaw fix-xejn u inkwadrati fit-termini ta' Artikolu 40 tal-Kodici Civili, was(s)lu ghal dawn il-proceduri kontenzjuzi odjerni, fejn - *inter alia* - il-partijiet qed jitolbu li jinfirdu legalment minn xulxin fil-parametri tal-ligi;  talab ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex tevalwa, tifli, taqta', tiddeciedi u tordna illi:  (1)  iz-zwieg li jgib in-numru ta' registrazzjoni 121/17.02.1999 fir-Registru Pubbliku ta' Malta, li sehh bejn il-kontendenti konjugi Farrugia, odjernament tfarrak irr(i)medjabilment minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ghalhekk ghandha tigi dikjarata permezz ta' sentenza l-firda legali bejn il-kontendenti konjugi Farrugia;  (2)  illi dan iz-zwieg bejn il-kontendenti konjugi Farrugia tfarrak

irremedjabilment a bazi ta' Artikolu 40 tal-Kodici Civili, u li b'rizultat ta' dan il-kontendenti konjugi Farrugia qed jigu b'hekk mehlusa mill-obbligi u drittijiet reciproci li l-mizzewgin ghandhom fir-rigward ta' xulxin skond il-ligi; (3) bil-firda personali moghtija bis-sentenza odjerna (*sic*), jintemm ghall-effetti kollha civili l-obbligu ta' bejn il-kontendenti konjugi Farrugia illi jghixu flimkien, Artikolu 35; (4) id-dar konjugali li tinsab sitwata f'San Gwann, f'appartament numru 2, Triq San Gwann tal-Gharghar, fi blokk ta' bini maghruf bl-isem ta' St. Patrick's Court, tigi assenjata lill-attur ghar-ragunijiet legalment fondati li jirrizultaw fil-mori ta' din il-kawza taht kwalsiasi provediment opportun li dik il-Qorti jidrilha xieraq u gust li taghti fil-parametri ta' din it-talba espressa; (5) l-konvenuta kienet hatja ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg ukoll a bazi ta' Artikolu 41 tal-istess Kodici Civili, minhabba li kienet l-istess konvenuta li abbandunat lill-attur minghajr raguni tajba fil-ligi, ghajr dak li jirrizulta mill-premessi f'din ic-citazzjoni u d-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur annessa ma' din il-kawza; (6) l-kura u l-kustodja tal-bint minuri Lara Jayne tigi fdata f'idejn l-attur, naturalment taht kwalsasi provediment opportun li dik il-Qorti jidrilha xieraq u gust li taghti fic-cirkostanzi li jirrizultaw fil-mori ta' din il-kawza odjerna; (7) ghandha tigi ffissata dik ir-retta alimentari li l-konvenuta ghandha tikkontribwixxi lill-attur skond il-mezzi taghha u c-cirkostanzi tal-hajja socjali tal-familja tal-kontendenti, u dan ukoll taht kwalsiasi provediment li dik il-Qorti jidrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi u a bazi ta' dak li tisma' fil-mori ta' din il-kawza; (8) l-konvenuta ghandha tivversa dik ir-retta alimentari proporzjonata skond il-mezzi taghha u c-cirkostanzi tal-hajja socjali tal-familja Farrugia ghall-minuri Lara Jayne, u dan taht dawk il-provedimenti li dik il-Qorti jidrilha xieraq u gust illi taghti u tordna a bazi ta' dak li jirrizulta fil-mori tal-kawza; (9) ghandhom ikunu applikabbli a favur l-attur l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, inkluz subartikolu 1. paragrafi (a) sa (b) ta' l-istess Artikolu 48, kif ukoll fid-diskrezzjoni tal-Qorti l-effetti ta' l-Artikoli 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili; (10) ghandha tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dana mehud(a) inkonsiderazzjoni t-talbiet ta' l-attur rilevanti kif hawn indikati precedentement ghal

din it-talba appozita; (11) ghandu jkun applikat (*sic*) l-effetti tal-Artikolu 54, sub-artikolu 1 sa sub-artikolu 7, a favur tal-attur inkluz(a) l-possibilità ta’ adozzjoni tal-effetti tal-paragrafu 5 tas-sub-artikolu 1 tal-istess Artikolu 54; (12) ghandhom ikunu applikabbli favur l-attur l-effetti tal-Artikoli 55 u 55a tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dana peress illi kienet il-konvenuta unikament responsabbli ghat-tifrik ta’ dan iz-zwieg, ezatt kif jirrizulta fil-mori ta’ din il-kawza; (13) ghandu jkun applikat fl-ahjar interess tat-tifla minuri Lara Jayne l-effetti tal-Artikoli 56, 57 u Artikolu 60 sub-artikoli 1 u 2 tal-Kapitolu 16 tal-Kodici Civili (*sic*); (14) ghandhom ikunu applikati l-effetti tas-subartikolu 3 tal-Artikolu 60 tal-Kodici Civili fis-sens illi kull wahda mill-partijiet titlef id-dritt li tiret lil parti l-ohra wara l-mewt successiva taghhom minghajr ma tigi pregudikata l-interess (*sic*) tat-tifla komuni ta’ bejniethom Lara Jayne; (15) ghandhom ikunu applikati l-effetti tas-subartikolu 2, tal-Artikolu 62 tal-Kodici Civili peress illi l-attur irid li l-konvenuta tigi projbita milli tkompli tuza kunjomu, *ossia* Farrugia wara l-firda legali u minflok il-konvenuta ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha, *ossia* Romano, u dana fil-parametri ta’ dak li tindika l-ligi f’Artikolu 62 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; (16) ghandhom ikunu applikati l-effetti tal-Artikolu 62 (a) tal-Kodici Civili kif ukoll l-effetti tal-artikolu 64 subartikolu 2, kif ukoll l-effetti tal-Artikolu 66 tal-Kodici Civili partikolarment fejn jidhlu l-interessi ta’ terzi persuni wara li tigi mhabbra permezz tas-sentenza ta’ dik il-Qorti l-firda legali bejn il-kontendenti; (17) fl-evantwalità tal-kontumacja tal-konvenuta, l-Qorti ghandha taghti dawk il-provedimenti mehtiega biex din il-kawza tkun tista’ tipprosegwi minghajr ma l-attur bl-ebda mod ma jigi ppregudikat, u jekk ikun il-kaz jigu mahtura Nutar Pubbliku kif ukoll esperti ohra nominati minn dik il-Qorti biex it-talbiet tal-attur kif hawn fuq suesposti jkunu jistghu jigu processati minn dik il-Qorti fil-mori tal-kawza; (18) l-ispejjez kollha extra gudizzjarji u gudizzjarji konnessi ma dawn il-proceduri u proceduri relatati jew inter-relatati ghandhom ikunu kollha sopportati mill-konvenuta *stante* li dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment minhabba ragunijiet unikament imputabbli ghaliha; bl-ispejjez kollha gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni; b’rizerva ta’ kwalsiasi azzjoni ohra ghad-

danni spettanti lill-attur kontra l-konvenuta, fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-atti ta' din ic-citazzjoni u fil-mori ta' din il-kawza;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

1. Illi hi ipprezentat citazzjoni fl-ismijiet inversi (Citazz numru 1196/02) appuntata ghat-13 ta' Marzu 2003 u taghmel riferenza ghall premessi, talbiet u dikjarazzjoni li jirrigwardaw l-istess mertu tal-kaz odjern;

2. Illi ma hemmx qbil fuq it-talbiet attrici in kwantu li dawn jimputaw tortijiet fuq l-eccipjenti u konsegwenzi komminati fil-ligi bhala effett ta' dawn it-tortijiet;

3. Illi partikolarment ir-raba talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez *stante* li (ma) hemm ebda raguni ghaliex din (*sic*) ghandha tigi assenjata lill-attur;

4. Illi it-2 talba attrici qed tigi michuda in kwantu li b'dan l-attur qed jitlob li jigi mehlus minn kull obbligazzjoni li ghandu *verso* l-eccipjenti;

5. Illi il-5, 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18 talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u l-eccipjenti taghmel riferenza ghat-talbiet taghha fuq l-istess mertu dedotti bil-kawza fl-ismijiet inversi fuq premessi;

6. Illi l-eccipjenti m'ghandhiex tbati ebda spejjez f'din il-kawza senjatament ukoll spejjez li jistghu ikunu dovuti minnhabba t-talbiet eccessivi u frivolusi (*sic*) li gew dedotti;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tat-tletin (30) ta’ Novembru, 2005 illi permezz taghha l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) iddecidiet hekk:

“… taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta nkwantu l-istess huma b’xi mod kompatibbli ma’ dak hawn deciz, tilqa’ t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz, b’dan illi:-

“1. Tiddikjara li z-zwieg li sehh bejn il-kontendenti konjugi Farrugia tfarrak irrimedjabbilment minghajr ebda tama ta’ rikonciljazzjoni, u dan ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur minhabba sevizzi, eccessi, u ngurji gravi kommessi minnu fil-konfront tal-konvenuta u bintha, u bl-ebda mod ghar-ragunijiet imputabbli lill-ko[n]venuta. Kawza ta’ dan l-agir illegali u abbusiv ta’ l-attur, li anke telaq jghix ghal rasu, il-konvivenza bejn il-partijiet ma baqghatx aktar possibbli u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

“2. Tichad din it-talba b’dan li d-dar fi blokk ta’ bini maghruf bl-isem St. Patrick’s Court, f’appartament numru 2, Triq San Gwann tal-Gharghar gewwa San Gwann, ghandha tigi assenjata lill-konvenuta, u dan ghar-ragunijiet indikati f’din is-sentenza u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48 u 54(6) tal-Kap 16 kontra l-attur, b’dan li l-istess konvenuta tkun unikament responsabbli ghal kull dejn li hemm fuq l-istess immobbli mal-bank. Dan qed issir [*recte*: isir] *per saldo* ghal kull dritt ta’ manteniment li jista’ jkollha kontra l-attur, u *per saldo* ghal kull dritt ta’ manteniment li l-minuri ghandha kontra l-attur, b’dan li d-dritt tal-manteniment tal-minuri qed jigi b’effett minn din is-sentenza u in forza ta’ dan il-provvediment assunt mill-istess konvenuta.

“3. Tichad din it-talba *stante* li l-artikolu 48 tal-Kap 16 qed jigi applikat kontra l-attur innifsu.

“4. Tichad din it-talba b’dan li minflok il-kura u l-kustodja tal-minuri Lara ghandha tigi fdata f’idejn il-konvenuta bid-dritt ta’ access ghall-attur fil-granet meta l-konvenuta jkollha x-xoghol bhala *Day* u *Night* mis-6:00 p.m. sat-8:00

p.m., kollox skond dak sottomess mill-konvenuta fin-nota taghha ta' l-10 ta' Jannar 2005 u skond id-dokument hemm anness bhala Dok. 'CF 1' a fol. 454 tal-process. L-istess minuri ghandha tittiehed mill-attur u tingieb lura mir-residenza tal-konvenuta.

"5. Illi tilqa' din it-talba b'dan illi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti konjugi Farrugia b'effett mid-data ta' din is-sentenza, b'dan li ghall-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess komunjoni, fid-dawl ta' dak kollu fuq deciz u ghar-ragunijiet fuq indikati, kif ukoll bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16 kontra l-attur u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 54(6) favur il-konvenuta u bintha, din il-Qorti tordna li l-istess immobbli Saint Patrick's Court, f'appartament numru 2, Triq San Gwann tal-Gharghar gewwa San Gwann tigi assenjata [*sic*] lill-konvenuta, b'dan li kull d-dejn [*sic*] fuq l-istess dar mal-bank ghandu jithallas minnha *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment ghaliha u ghall-minuri kontra l-attur, b'dan li b'effett mid-data ta' din is-sentenza l-obbligu ta' manteniment ta' l-istess minuri ghandhu jigi assunt kompletament mill-konvenuta u kull dritt eventwali ta' manteniment talvolta spettanti lill-konvenuta mill-attur qed jigi hekk ukoll saldat.

"Illi ghal dan l-iskop tordna lill-attur sabiex jizgombra mill-istess immobbli fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u l-istess immobbli jithalla liberu f'idejn il-konvenuta. F[i]n-nuqqas li dan jaderixxi ruhu ma' l-istess fit-terminu hawn lilu perentorjament moghti, tordna l-izgumbrament effettiv tieghu mill-istess fond bl-assitenza tal-Marixxali tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva. Din il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata mill-konvenuta lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija.

"Illi kwalunkwe kont bankarju, ad eccezzjoni tal-*Visa Card* li hemm ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. Il-kont bankarju Nru 4568825010046197 (Dok. 'CF1' a fol. 199 tal-process) li huwa kont ghall-*Visa Card* qed jigi

assenjat lill-attur u kwalunkwe dejn fuqu ghandu jigi assunt minnu.

“Illi dwar il-polza ta’ assikurazzjoni mal-*Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited* f’isem il-partijiet mahruga bhala *endowment policy* ghall-minuri, *Life Policy 55131*, din ghandha tigi likwidata u r-rikavat diviz ugwalment bejn il-partijiet.

“6. Illi din il-Qorti tichad din it-talba kif proposta b’dan li l-artikolu 48 tal-Kap 16 ghandu jigi applikat biss kontra l-attur. Tordna li l-konvenuta ghandha trriverti ghal kunjom xbubitha, *ossia* Romano.

“7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba hlief fis-sens li tinnomina lin-Nutar Mario Bugeja sabiex b’att pubbliku relattiv fid-data ta’ 20 ta’ Dicembru 2005 fil-11:30 a.m. f’wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri Valletta, in-nofs indiviz tal-fond St. Patrick’s Court, f’appartament numru 2, Triq San Gwann tal-Gharghar gewwa San Gwann jigi assenjat lill-konvenuta b’dan ghalhekk li l-istess konvenuta tkun indikata bhala l-proprjetarja esklussiva ta’ l-istess appartament, b’dan li hija tassumi l-obbligu tal-hlas ta’ kull dejn fuq u gravanti l-istess immobbli favur il-bank indikat f’dawn l-atti. Din il-Qorti tinnomina wkoll lil Dr. Marco Ciliberti bhala kuratur deputat sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att kollox skond kif hawn indikat.

“8. Tordna li l-ispejjez kollha gudizzjarji u dawk tan-Nutar u l-kuraturi deputati [*sic*] jithallsu mill-attur.

“Bl-ispejjez kollha kontra l-attur b’dan li din il-Qorti tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi notifikata mill-konvenuta lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga l-kaz skond il-ligi, u jiehu l-proceduri kollha opportuni kontra l-attur, jekk ikun il-kaz, anke in vista tax-xhieda tieghu u ta’ ohrajn f’dawn il-proceduri. Tordna wkoll lill-konvenuta tinnotifika kopja legali ta’ din is-sentenza lin-Nutar Mario Bugeja u lil Dr. Marco Ciliberti”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Illi din il-Qorti tikkonferma qabel xejn l-ordni taghha li l-provi f’din il-kawza ghandhom jservu wkoll bhala provi fil-kawza *Carmen Farrugia Romano proprio et nomine vs Dennis Farrugia* (Cit. Nru. 1196/2002/RCP) differita wkoll ghall-lum, u *vice versa*.

“Illi din hija kawza ta’ separazzjoni bejn il-partijiet fejn it-tnejn li huma qed jippretendu li z-zwieg taghhom ikkollassa minhabba htijiet attribwibbli lill-parti l-ohra. Fil-fatt jinghad li dan iz-zwieg ftit li xejn dam u fi zmien tlieta jew erba’ snin il-partijiet kien[u] gjà nfirdu *de facto*, tant li zzewgu fl-14 ta’ Frar 1999 u f’Gunju 2002 kienu gjà pprocedew quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili presjeduta f’dak iz-zmien mill-Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano, llum is-Sinjorija Tieghu l-Prim’ Imhallef Vincent De Gaetano.

“Illi rrizulta wkoll mill-provi prodotti li l-kontendenti qabel ma zzewgu, minkejja l-età tenera taghhom, kienu ilhom xi tliet (3) snin flimkien, meta l-konvenuta harget tqila. Jidher li l-partijiet minhabba din it-tqala u wara t-twelid tal-minuri zzewgu u marru joqoghdu ghand il-genituri tal-konvenuta. Dak iz-zmien ma kellhomx dar taghhom. Wara xi zmien kienu xtraw id-dar taghhom u l-mara harget tahdem biex tkun tista’ tghin f’din id-dar li kienu xtraw.

“Illi l-attur allega li l-inkwiet bejniethom beda ftit wara li l-konvenuta harget tahdem. Huwa qal li martu ma bdiet taghti kaz ta’ xejn u spiss riedet tohrog mal-hbieb. Sadanittant huwa u missieru baqghu jahdmu fil-post u hija bdiet taghti anqas kaz. Huwa kien waqaf mix-xoghol u hi ma rieditx thallas il-pagament fuq il-post. Kien ghalhekk li talab lil missieru biex ighinu u fil-fatt hekk gara. Darba minnhom martu belghet hafna pilloli u spiccat l-isptar. Meta marret lura d-dar huwa dar biha. Imbaghad kellmet lil tabib wahedha. X’hin dahal l-attur biex ikellmu, it-tabib qallu li ma kienx hemm problemi kbar u li hija kellha bzonn il-mistrieh. Qallu wkoll biex jitlaq ftit mid-dar u jergghu imorru ghandu flimkien. Huma ma regghux marru. Ftit granet wara l-konvenuta qaltlu li bejniethom kien spicca

kollox u b’hekk huwa mar joqghod ghand il-genituri tieghu avolja ma kellhomx spazju bizzejjed.

“Illi huwa kien baqa’ jmur jara lit-tifla kuljum ghand il-genituri ta’ martu. Ipprova jirranga izda martu qaltlu li ma kienx hemm tama. Meta marru ghand il-*counsellor* ta’ Kana l-konvenuta qalet li huwa kien ighir hafna ghaliha, ma jafdahiex, u li kien jaghmlilha l-ghassa l-hin kollu u ma jhallihiex tilbes li trid. Skond il-*counsellor* ma kienx hemm affarijiet kbar izda martu ma rieditx tirranga. Omm l-attur u huh ikkorroboraw ma’ din il-verzjoni tax-xhieda moghtija minnu.

“Illi l-konvenuta xehdet li meta twieldet it-tarbija l-attur mar joqghod ghand il-genituri taghha u sa minn dak iz-zmien kienu dejjem jargumentaw. Wara li zzewgu baqghu jghixu mal-genituri taghha, però dejjem baqghu jiggieldu. Skond hi r-relazzjoni ta’ bejniethom kompliet hzienet meta hi bdiet tahdem. Hija qalet li harget tahdem biex tghin fil-finanzi tal-familja peress li kienu xtraw il-post flimkien. Il-genituri taghha kienu tawhom hames mitt lira Maltin (Lm500) biex ighinuhom, apparti mill-fatt li missierha ghamlilhom hafna xoghol bla hlas. Ix-xoghol taghha kien jinvolvi *shifts* bil-lejl. Zewgha kien sar pussessiv hafna fis-sens li kien jirrabja maghha. Hija sostniet li kien jaghmlilha hafna xenati. Hija allegat li zewgha kien iqabbad lil xi hadd biex jaghmlilha l-ghassa. Tant kien sar possessiv li anke beda jindahlilha x’tilbes.

“Illi sakemm damet mieghu harget biss xi darbtejn mal-hbieb fil-ghaxija u hu kien mar fuq il-post. *Inoltre* allegat li zewgha kien izomm hafna jdejh fejn kienu jidhlu l-flus u kienu l-genituri taghha li ghenu biex jinxtraw hafna mill-bzonnijiet tat-tifla. Il-karozza li allegatament kien qed ihallas ghamilha fuq missieru u aktar kien jaghti mportanza lill-karozza milli lil binthom. Huwa kien iqatta’ hin maghhom bhala familja imma kien jippreferi jaghmel affarijiet wahdu.

“Illi l-konvenuta *inoltre* xehdet li meta bdiet tahdem l-attur ma baqax jaghtiha manteniment. Xahar wara li bdiet tahdem huwa telaq mix-xoghol tieghu u beda jahdem ma’

missieru bhala *tile layer*. Hija takkuzah li huwa bniedem ghazzien.

“Illi hija sostniet li tant kienet imdejqa b’din is-sitwazzjoni li bdiet tiehu xi *anti-depressants*. Wara xi zmien hadet *overdose* ghax ma kienitx felhet aktar ir-relazzjoni ta’ bejniethom. Meta haduha l-isptar hija kienet fethet qalbha ma’ tabib u wara din l-okkazjoni ddecidiet li hi u zewgha ma setghux ighixu aktar flimkien. Hija talbet lit-tabib biex ighidlu u zewgha ma baqax ighix maghha. Din ix-xhieda giet korroborata wkoll minn omm l-konvenuta.

“Illi minn dan kollu effettivament jirrizulta li ghalkemm saru hafna allegazzjonijiet mill-partijiet fil-konfront ta’ xulxin, dan iz-zwieg tfarrak minhabba li l-attur naqas mir-responsabbiltajiet tieghu li jmanti lill-familja tieghu u anke sabiex jipprovdi ghall-interess ta’ l-istess. Fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li huwa kien determinat li bl-ebda mod ma jmantni lill-konvenuta u fil-fatt dejjem qal li ma jahdimx. Dan meta ghandu sengha li jqieghed il-madum, fejn anke nqabad jahdem minn ufficjali ta’ l-E.T.C. waqt li kien qed jirregistra ghax-xoghol. Dan irrizulta mix-xhieda ta’ l-istess ufficjali tal-korporazzjoni msemmija

“Illi fil-fatt jidher ukoll li l-attur waqaf li jikkontribwixxi ghall-manteniment ta’ bintu stess hekk kif il-konvenuta bdiet tahdem, liema sitwazzjoni baqghet l-istess sal-lum, tant li l-attur ghamel minn kollox sabiex jevita tali hlas anke ghall-istess bintu. Jirrizulta li kien huwa li telaq lill-konvenuta u lil bintu l-minuri. L-isforzi kollha tieghu f’din il-kawza kienu mmirati sabiex ma jhallas l-ebda manteniment, u li jikkapparra dik li xi darba kellha tkun id-dar matrimonjali li minhabba d-dizgwid ta’ bejn il-kontendenti baqghet ma tlestietx. Barra minn dan l-attur ried ukoll li jitlob il-kura u l-kustodja ta’ bintu l-minuri, u dan minkejja l-fatt li fl-ebda mument waqt il-kawza ma wera xi ntenzjoni li jipprova jmantniha.

“Illi f’dan il-kuntest, u minn dak li din il-Qorti setghet tinnota waqt il-kawza ma hemm l-ebda dubju li kien il-komportament ta’ l-attur li wassal ghal din il-firda personali. Dan minhabba x-xehha li wera mal-konvenuta

u ma’ l-istess bintu, inkluz in-nuqqas li jmantni lill-istess. Huwa pprova dejjem li jiddomina lill-konvenuta, anke meta oppona b’kull mod li din tohrog tahdem, haga li l-konvenuta giet kostretta li taghmel kemm minhabba l-fatt li kienet qed tircievi manteniment mizeru minghandu, kif ukoll sabiex tipprovdi ghall-ispejjez tal-fond immobbli li dahlu ghalih. L-attur dan ma felahx ghalih, u ta’ bniedem irresponsabbli waqaf jahdem, beda jirregistra ghax-xoghol, kollox bl-iskop li ma jkunx ikkundannat ihallasha manteniment. Minkejja dan din il-Qorti hija konvinta li l-istess attur jaghmel xoghol anke ma’ missieru kif fil-fatt inqabad jaghmel mill-Awtoritajiet kompetenti. Fl-ahjar ipotesi ghall-attur jidher car anke mix-xhieda tieghu li huwa rrifjuta li jahdem u anke jirrizulta li huwa ma ghamel l-ebda tentattiv sabiex jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu, proprju sabiex jisfida lil martu u sabiex jahrab minn dawk li huma l-obbligazzjonijiet tieghu bhala missier u ragel tal-familja. Dwar dan l-istess Qorti hija moralment konvinta meta kellha l-opportunità wkoll mhux biss li tezamina x-xhieda tal-partijiet f’din il-kawza, fejn jidher car li r-rwol ta’ l-attur f’din il-kawza kien ristrett sabiex jivvessa lill-konvenuta u wkoll sabiex anke jabbuza mill-proceduri quddiem din il-Qorti, specjalment meta din il-Qorti kif kostitwita attwalment kienet indisposta. Dawn il-proceduri f’dak l-istadju avvanzat tal-kawza kienu litteralment imissu l-mertu ta’ l-azzjoni attrici u l-azzjoni l-ohra konnessa istitwita mill-konvenuta.

“Illi anke in vista ta’ dak kollu premess, din il-Qorti thoss li x-xhieda ta’ l-attur dwar dik li hija responsabbiltà tas-separazzjoni personali li huwa qed jallega li hija tal-konvenuta ma hija bl-ebda mod kredibbli, aktar u aktar meta minkejja l-fatt li l-istess attur inqabad fil-fatt jahdem huwa xorta wahda baqa’ jichad dan il-fatt, u fuq kollox minkejja s-sengha li ghandu baqa’ dejjem jinsisti li ma jahdimx. Certament li l-istess attur b’dan l-atteggjament irrenda l-allegazzjonijiet mhux kredibbli u wisq anqas sostenibbli u verosimili. Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-htija tal-firda ta’ din il-koppja qed tigi attribwita esklussivament lill-attur.

"Illi ghalhekk l-ewwel talba ghandha tigi milqugha biss ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur minhabba sevizzi, eccessi, u ngurji gravi kommessi mill-attur fil-konfront tal-konvenuta u l-minuri binthom, u bl-ebda mod ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta. Kawza ta' dan l-agir illegali u abbusiv ta' l-attur, li anke telaq jghix ghal rasu, il-konvivenza bejn il-partijiet ma baqatx aktar possibbli u ghalhekk iz-zwieg tkisser irremedjabbilment.

"Illi l-partijiet ghandhom tifla minuri li bhalissa qeghda fil-kura u kustodja tal-konvenuta b'access ghall-attur li jaraha kwazi kuljum. Illi jidher li l-partijiet kapaci jitkellmu bejniethom dwar it-tifla. It-tnejn li huma jridu l-kura u l-kustodja taghha. L-attur isostni li t-tifla ghandha tghix mieghu u b'hekk ghandha tigi assenjata lilu d-dar matrimonjali ghax ghand ommu m'hemmx fejn joqoghdu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu huwa jallega li martu tghix hajjitha u tohrog mal-hbieb u li huha li jghix fl-istess dar fejn tghix hi ghandu problema ta' droga.

"Illi jinghad li fi kwalunkwe kaz, dawn baqghu biss allegazzjonijiet ghax mhumiex ippruvati mill-attur, anzi din il-Qorti thoss li minhabba n-nuqqas ta' prova *da parte* tieghu fuq dawn l-allegazzjonijiet serjissimi fihom infishom jammontaw ghal ingurja gravi fil-konfront tal-konvenuta, u b'hekk qed tigi ikkonfermata li din hija raguni ohra ghaliex l-istess attur huwa hati ta' din il-firda personali.

"Illi l-attur sostna wkoll li t-tifla gieli torqod ghand zija taghha u dan gie kkonfermat mill-mara li spjegat li dan gieli jsehh meta hi tkun xoghol bil-lejl. Però din il-Qorti certament ma tistax tikkundanna lill-omm li mhux biss qed tmantni lilha nfisha izda wkoll wahedha lil bintha. Altrimenti wiehed ikun wasal ghall-assurd li jippremja lil min kien traskurat, waqaf jahdem u ma jridx jahdem, minkejja l-obbligazzjonijiet tieghu ta' missier u ta' ragel tal-familja, u jikkundanna lill-omm li qed tahseb ghall-bzonnijiet kollha ta' bintha.

"Illi ghalhekk certament li din il-Qorti thoss li l-attur ma gabx ragunijiet sufficjenti sabiex huwa jinghata l-kura u l-kustodja ta' bintu. Anzi jidher li huwa fuq kollox naqas li

jmanti lill-istess bintu u mid-dokumenti kollha li esebixxa lanqas ma jirrizulta li huwa ghamel suggeriment wiehed ta’ kif ser imantni lil din bintu. Anzi jidher li minkejja li huwa ragel u ghandu l-età tieghu, lanqas biss kapaci jmantni lilu nnifsu ghaliex kif stqarr hu stess, fil-fatt qed jaghmillu tajjeb missieru, li skond huwa xtralu kollox, inkluz il-karozza li jsuq. Allura jekk dan huwa l-istat ta’ hajja li l-attur ipprogetta lil din il-Qorti kif jista’ jippretendi li jinghata kura ta’ bintu, ta’ demmu li sal-lum ghadu mhux jipprovdi xejn biex imantni, u lanqas jidher li qatt offra xi soluzzjoni lill-Qorti fl-ebda stadju tal-kawza ghal dan l-obbligu tieghu. Dan meta tqis li l-kawza ilha issa pendenti tliet snin, li fihom l-istess attur dejjem insista li ma jahdimx, anzi talab manteniment minghand martu anke quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili - talba li l-istess Qorti kif hemm presjeduta minn dak li llum huwa l-Prim’Imhallef ta’ dawn il-Qrati b’mod kategoriku irrifjutat. Din il-Qorti tassocja ruhha u tikkonferma l-istess decizjoni hemm moghtija, anke aktar ’il quddiem f’din id-decizjoni.

“Illi apparti dan kollu jirrizulta li t-tifla qed tigi kkurata sew minn ommha, u ghalhekk il-kura u l-kustodja taghha ghandha tigi fdata f’idejn il-konvenuta bid-dritt ta’ access ghall-attur fil-granet meta l-konvenuta jkollha x-xoghol bhala *Day* u *Night* mis-6:00 p.m. sat-8:00 p.m., kollox skond dak sottomess mill-attrici fin-nota taghha ta’ l-10 ta’ Jannar 2005, u skond id-dokument hemm anness bhala Dok. ‘CF 1’ a fol. 454 tal-process, liema dokument ghandu jaghmel parti minn din is-sentenza. Fl-ahjar interess tal-minuri l-access ghandu jibda jsehh b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, ghaliex dan ikun ifisser li jkun hemm access u kuntatt sufficjenti mal-missier, tant li fuq perjodu ta’ erba’ gimghat l-attur ikollu access f’gimaghtejn minnhom ghal erba’ darbiet fil-gimgha u f’gimaghtejn l-ohra ghal tliet darbiet fil-gimgha. Fl-istess hin jinghata spazju u stabbiltà lill-istess hajja tal-minuri.

“Illi rrizulta li l-konvenuta tahdem u ghandha ntrojtu taghha. Infatti fin-nota taghha, hi qed tippretendi biss manteniment ghal binthom minuri b’effett mill-11 ta’ Jannar 2002 bir-rata ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha. L-attur innifsu jsostni li minhabba li ma kienx u

ghadu mhux qed jahdem huwa ma jistax jipprovdi manteniment ghall-minuri. Il-konvenuta ssostni li effettivament l-attur qed jahdem bla ktieb tax-xoghol ma' missieru bhala *tile layer*. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li l-istess attur ghamel zmien jahdem bil-mohbi u wkoll jaghmel minn kollox sabiex ma juriex li jahdem.

"Illi fi kwalunkwe kaz jirrizulta li l-istess attur ma huwiex dispost li jahdem lanqas biex imantni lil bintu, u ghalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti filwaqt li tikkonferma li huwa ghandu obbligu li jmantni lil bintu, ser tiehu l-provvedimenti opportuni skond il-ligi sabiex l-istess attur josserva l-obbligazzjonijiet tieghu kif ser jinghad aktar 'il quddiem anke bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 u 54(6) tal-Kap 16 kontra l-istess attur. Fil-fatt jidher car li bil-mod kif agixxa l-attur ser ikun difficli hafna sabiex dan effettivament jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' l-istess minuri, kif ukoll jekk jinqala' l-kaz, dak ta' martu. Dwar dan din il-Qorti ser tipprovdi aktar 'il quddiem.

"Illi jirrizulta li l-komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti principalment f'appartament numru 2, St. Patrick's Court, Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann. Infatti din id-dar ghadha mhux abitabbli u l-partijiet ghalhekk qatt ma ghexu fiha. Din id-dar kienet inxtrat fiz-zwieg bil-hsieb li tkun id-dar matrimonjali. Il-partijiet qed jippretendu li tigi assenjata lil xi hadd minnhom u ovvjament kull parti qed tippretendi li ghandha tehodha hi.

"Illi l-attur a bazi tal-pretensjoni tieghu qed jissuggerixxi li l-appartament ghandu jigi assenjat lilu ghaliex hu ma ghandux fejn joqghod, u jrid li jithallas mill-konvenuta nofs il-hlasijiet tar-rati ta' self li saru, kif ukoll nofs l-ispejjez ta' benefikati li saru fuq dan il-post. Skond l-attur dawn il-benefikati jammontaw ghal ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000) u huma spejjez li saru da parti tieghu u l-familja tieghu partikolarment missieru.

"Illi l-konvenuta min-naha taghha ssostni li hija ghandha tigi assigurata dar ghaliha u ghat-tifla. Hija sostniet li bil-paga taghha hija lesta tassumi d-dejn fuq l-istess fond. Skond il-konvenuta, il-Bank mhux ser jirrikonoxxi lill-attur li

ma jahdimx bhala debitur. Bil-paga netta ta' *circa* tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) fix-xahar ma jippermettilhiex li takkwista appartament mill-gdid. Hija tkompli tghid li l-partijiet qablu li l-valur ta' l-appartament huwa ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (Lm25,000) u hija lesta li tikkumpensa lill-attur ta' nofs l-ammont li jifdal wara li jitnaqqsu (i) il-kreditu parafernali ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rigal mill-genituri taghha; u (ii) kreditu ta' arretrati ta' manteniment.

"Illi l-attur qed jippretendi ammont ta' flus, ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000), bhala kumpens tax-xogholijiet li saru fil-post kif ukoll ghall-pagamenti li saru. Illi jinghad li rrizulta li l-affarijiet li nxtraw ghall-post saru fiz-zmien meta l-partijiet kienu mizzewgin u ghalhekk kienet vigenti l-komunjoni ta' l-akkwisti. Dwar l-allegati spejjez li saru minn missier l-attur dawn ma gewx kwantifikati u korroborati b'ricevuti u allura fl-opinjoni ta' din il-Qorti dak allegat f'dan ir-rigward mill-attur ma giex ppruvat. Dan apparti l-fatt li din il-Qorti thoss li l-verzjoni attrici fuq dan il-punt la hija kredibbli u lanqas verosimili.

"Illi ma hemm l-ebda dubju li la darba l-kura u l-kustodja tal-minuri giet fdata f'idejn il-konvenuta, l-istess konvenuta ghandha aktar bzonn ghal dar fejn it-tifla tkun tista' tikber f'ambjent idoneu. Mhux hekk biss, izda jidher car li l-istess attur ma huwiex lest li jmantni lil bintu stess, haga li naqas li jaghmel fil-mori tal-kawza. Lanqas ma hu dispost li jekk jinqala' l-kaz jmantni lill-konvenuta, li fuq kollox ma kellha xejn x'tahti ghal din il-firda personali.

"Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak kollu premess u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 48 tal-Kap 16 kontra l-attur u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 54(6) favur il-konvenuta u bintha, din il-Qorti tordna li l-istess immobbli tigi assenjata lill-konvenuta, b'dan li kull dejn fuq l-istess dar mal-bank ghandu jithallas mill-istess konvenuta, *per saldo* ghal kull dritt ta' manteniment tal-konvenuta f'isimha u f'isem l-istess minuri kontra l-attur. B'effett mid-data ta' din is-sentenza l-obbligu ta' manteniment ta' l-istess minuri jigi assunt kompletament mill-konvenuta u kull dritt eventwali ta' manteniment *talvolta* spettanti lill-konvenuta mill-attur

qed jigi hekk saldat. Dan qed jigi bbazat anke fuq l-ammont ta' stima ta' l-istess immobbli li dwarha qablu l-partijiet u l-pretensjoni tal-konvenuta ta' manteniment mizeru ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20) fil-gimgha ghall-minuri li b'effett mill-11 ta' Jannar 2002 jaqbez wahdu kull sehem li l-istess attur kellu mill-istess fond. Ghal dan l-iskop tordna lill-attur sabiex jizgombra mill-istess immobbli fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza u l-istess immobbli jithalla liberu f'idejn il-konvenuta. Fin-nuqqas li l-attur jaderixxu ruhu ma' dak hawn ordnat fit-terminu hawn lilu perentorjament moghti, tordna l-izgumbrament effettiv tieghu mill-istess fond bl-assistenza tal-Marixxal[l]i tal-Qorti u tal-Pulizija Ezekuttiva. Ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata mill-konvenuta lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, kif ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija.

"Illi *nonostante* li l-konvenuta allegat li l-attur xtara karozza u ghamilha fuq isem missieru u kien qed ihallas il-pagamenti hu, dan ma giex ippruvat. B'hekk ma rrizultax li hemm xi karozzi fil-komunjoni ta' l-akkwisti.

"Illi fl-ahharnett kwalunkwe kont bankarju, ad eccezzjoni tal-*Visa Card*, li hemm ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet. Il-kont bankarju Nru 4568825010046197 (Dok. 'CF 1' a fol. 199 tal-process) li huwa kont ghall-*Visa Card* qed jigi assenjat lill-attur u kwalunkwe dejn fuqu ghandu jigi assunt minnu.

"Illi dwar il-polza ta' assigurazzjoni mal-*Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited* f'isem il-partijiet mahruga bhala *endowment policy* ghall-minuri, *Life Policy 55131*, din ghandha tigi likwidata u r-rikavat diviz ugwalment bejn il-partijiet.

"Illi dwar oggetti mobbli kull parti ghandha zzomm l-oggetti li attwalment jinsabu fil-pussess rispettiv taghha."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur *proprio et nomine* illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:

"… dina l-wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell qedha umilment … tigi mitluba sabiex tiddeciedi u tordna illi:-

1. s-sentenza appellata … hija wahda nulla, invalida u mhux enforzabbili billi kisret u marret kontra l-principju fundamentali li l-gustizzja mhux biss trid issir, izda tidher li qedha ssir, u huwa ovvju li bil-pregudizzji qawwija, konsiderazzjoniji[e]t u konkluzjoniji[e]t fierghha u bla bazi legali u/jew fattwali, u kliem xejn dinjituz anzi li jbaxxi d-dinjità tal-ewwel Qorti, fil-konfront tal-appellanti, dan l-principju fundamentali gie vjolentament miksur u kwindi n-nullità tas-sentenza.

2. jekk a bazi tal-eww[e]l talba din tigi milqugha, il-process tal-kawza ghandu jintbghat lura lill-ewwel Qorti diversament ippresedut [*sic*] biex hemm jergghu isieru l-apprezzament tal-provi kollhaipprezentati u tinghata sentenza konformi mal-principji fundamentali li fuqhom hija mibnija s-sistema taghna tal-gustizzja trasparenti u bla pregudizzji a kontrarjo [*sic*] ta' kif inhi dik odjerna.

3. illi jekk l-ewwel talba ma tintlaqax ghandhom jigu sfilzati mis-sentenza citata l-kliem indinjituz u dispregjattiv li hemm fiha kontra l-appellanti, inkluz kundanni li ghamlet l-ewwel Qorti minghajr ebda bazi legali u/jew fattwali, kif gie indikat.

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett talbi[e]t, il-fond immobiljari f'St. Patrick's Court [li ghadu mhux fi stat ta' abitazzjoni] gewwa San Gwann - Malta, u kif jirrizulta mill-kawza, prevja d-dikjarazzjoni li dana qatt ma jista' jigi identifikat bhala dar konjugali skond il-ligi, ghar-raguniji[e]t mghotija u mfissra, ghandu jigi assenjat lill-appellanti billi jkun ferm izjed gust li hekk isier, taht dawk il-provedimenti li dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ikun jidrilha xieraq li tati.

5. illi fl-eventwalità li dina l-Qorti ma taqbilx mar-rabgha talba kif imposta, l-appellanti ghandu jinghata kumpens xieraq u adegwat ghall-hidma kollha, il-hlas tad-dejn, u il-benefikati kollha li saru f'dana l-fond immobiljari mill-appellanti u missieru, kif imfisser.

6. illi l-kura u kustodja tal-minuri Lara Farrugia [li issa ghandha sebgha snin] ghandha fic-cirkustanzi li manifestament irizultaw tigi fdata f'idejn missierha l-appellanti, billi huwa ovvju li dana jkun fl-interess suprem tal-istess minuri li trid li tibqa' ma' missierha ghar-raguniji[e]t indikati.

7. illi alternattivament ghas-sitt talba, skond ma jidrilha dina l-Qorti, il-kura u kustodja ghandha tigi fdata kongiuntivament lill-genituri tal-minuri biex l-appellata ma tkunx tista' tibqa' titratta lill-minuri kif qed tghamel issa biex b'hekk l-interessi supremi tal-istess minuri dejjem jibqghu salvagwardati.

8. l-appellata fic-cirkustanzi ma ghandhix tkun intitolata ghall-ebda retta alimentari da parti tal-appellanti, filwaqt li l-appellanti fic-cirkustanzi ghandu jkun intitolat biex jircievi retta alimentari da parti tal-appellat [*sic*] martu.

9. illi l-minuri ghandha tircievi retta alimentari da parti tal-genituri taghha, skond il-mezzi rispettivi tac-cirkustanzi tal-hajja taghhom, liema manteniment ghal Lara jista' jkun b'kull mod li jista' jivi [*sic*] vversat manteniment.

10. illi l-applikazzjoni tal-Artiklu 48 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-appellanti kien wiehed bla gustifikazzjoni legali u fattwali, u l-imposizzjoni tieghu ghandha titnehha billi l-appellanti la kien u/jew huwa hati ta' Adulterju; u lanqas li abbanduna d-dar konjugali, kif tesigi l-ligi.

11. illi l-Artiklu 48 fl-intier tieghu tal-Kapitlu 16 ghandu jigi enforzat kontra l-konvenuta appellat [*sic*] billi rrizulta li l-appellata ghandha relazzjoniji[e]t ma' terzi rgiel u anke fic-cirkustanzi li tefghet il-barra mid-dar taz-zwieg lil zewgha l-appellanti.

12. illi l-Artiklu 54(6) ma ghandux ikun applikat fil-konfront tal-appellanti billi ma rrizultawx ragunijiet legalment gustifikabbili li l-ewwel Qorti setghet tapplikah bi pregudizzju kbir kontra l-appellanti, kif tabilhaqq wettqet;

ghalhekk dina l-Onorabbili Qorti ghandha tnehhi dina l-imposizzjoni.

13. illi fic-cirkustanzi ma hemmx ebda bazi legali u/jew fattwali ghala l-appellanti kellu jigi ordnat biex jizgombra mill-fond immobiljari f'St. Patrick's Court f'San Gwann, u ghalhekk dina l-imposizzjoni ghandha titnehha.

14. illi l-appellanti ma ghandux ibghati spejjez konessi ma' dina l-kawza, billi huwa ovvju li t-tortiji[e]t unici ghat-tifrik ta' dana z-zwieg emanixxew [*sic*] mill-appellata konvenuta, kif huwa tant ovvju minn ezami tal-process tal-kawza fl-intier tieghu.

15. illi ghalhekk l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandha tbghatihom l-istess appellata";

Rat ir-risposta tal-konvenuta illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:

"… lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet premessi bl-ispejjez kontra l-attur appellant";

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji ta' l-attur *proprio et nomine* kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:

1. Illi s-sentenza appellata inkitbet, fi kliem l-appellant, b'"mod pregudikat" u, b'hekk, ukoll fi kliem l-appellant:

"… inkiser wiehed mill-principji fundamentali tat-trasparenza tal-gustizzja, billi huwa kas li f'dina s-sentenza il-gustizzja zgur li ma dehritx li qedha ssir …";

2. Illi l-appartament tal-kontendenti f' St Patrick's Court, Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann kellu jigi assenjat lill-appellant;

3. Illi l-kura u l-kustodja tal-bint minuri tal-kontendenti kellhom jigu fdati lill-appellant jew, almenu, kongjuntivament lill-kontendenti;

4. Illi d-dikjarazzjonijiet illi l-appellant huwa obbligat ihallas manteniment lill-konvenuta u illi, fi kliem ir-rikors ta' appell, "l-appellanti mhux qed imantni lill-bintu" huma zbaljati;

5. Illi l-ewwel Qorti applikat l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili kontra l-appellant ingustament;

6. Fi kliem ir-rikors ta' appell:

"… ma jghamilx sens fuq la il-binarju ta' fatti, u lanqas il-binarju ta' ligi, li … l-Artiklu 54[6] [tal-Kodici Civili] jigi applikat kontra l-appellanti";

7. Illi l-appellanti ma kellux jigi zgumbrat mill-appartament imsemmi fit-tieni (2) aggravju;

8. Illi l-appellant ma kellux jigi kundannat ihallas l-ispejjes tal-kawza;

Ikkunsidrat:

7. Illi l-appellanti ma kellux jigi zgumbrat mill-appartament imsemmi fit-tieni (2) aggravju;

8. Illi l-appellant ma kellux jigi kundannat ihallas l-ispejjes tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-mod kif inhuma abbozzati l-ewwel (1) aggravju u s-sottomissjonijiet in sostenn tieghu huwa evidenti illi s-sentenza appellata ma ghogbitx lill-appellant. L-appellant ghandu d-dritt kollu illi ma jhossux sodisfatt bis-sentenza

appellata izda ma ghandux dritt illi jiddenegra lill-Qorti illi ppronunzjat l-istess sentenza. Apparti dan, dina l-Qorti, wara illi ezaminat il-provi prodotti u l-mod kif dawn il-provi gew analizzati u evalwati fis-sentenza appellata, hija tal-fehma ferma illi fl-istess sentenza l-ewwel Qorti ma wriet ebda pregudizzju kontra l-appellant. Huwa evidenti illi l-ewwel Qorti tat aktar affidament lill-verzjoni tal-fatti kif temergi mill-provi prodotti mill-konvenuta milli tat lill-verzjoni tal-fatti rizultanti mill-provi prodotti mill-attur. F'dan dina l-Qorti tikkonkordi ma' l-ewwel Qorti;

Mhux mehtieg illi jinghad aktar dwar l-aggravju in ezami hlief illi huwa manifestament infondat u jirrazenta l-fieragh;

Ikkundisrat:

Illi qabel ma jigu konsidrati l-aggravji l-ohra ta' l-appellant huwa imperattiv illi jigi konstatat illi minn qari akkurat tar-rikors ta' appell jirrizulta illi l-attur ma avanza ebda aggravju kontra l-konkluzjoni raggjunta mill-ewwel Qorti fis-sens illi l-attur huwa unikament responsabbli ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti. L-aggravji kollha ta' l-appellant - b'eccezzjoni ta' l-ewwel (1) wiehed illi già gie dikjarat infondat - iridu necessarjament jigu konsidrati fid-dawl tal-kostatazzjoni appena maghmula dwar ir-responsabbiltà ghall-firda personali;

Ikkunsidrat:

Illi fil-fehma taghha it-tielet (3) u r-raba' (4) aggravji ta' l-appellant ghandhom jigu konsidrati qabel it-tieni (2) wiehed. Dwar it-tielet (3) aggravju ma hemmx wisq x'jinghad. Dina l-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi tafda l-kura u l-kustodja tal-bint minuri tal-kontendenti lill-konvenuta u dan ghaliex taqbel ukoll mal-konsiderazzjonijiet illi saru fir-rigward fis-segwenti silta mis-sentenza appellata (fol. 518-9):

"Illi … certament … din il-Qorti thoss li l-attur ma gabx ragunijiet sufficjenti sabiex ikun jista' jinghata l-kura u l-kustodja ta' bintu. Anzi jidher li huwa fuq kollox naqas li jmanti lill-istess bintu u mid-dokumenti kollha li l-istess

attur esebixxa ma jidhirx li huwa ghamel suggeriment wiehed ta’ kif ser jipprova jmantniha. Anzi jidher li minkejja li huwa ragel u ghandu l-età tieghu, lanqas huwa kapaci jmantni lilu nnifsu ghaliex jammetti li qed jigi mantnut minn missieru, li skond huwa xtralu kollox, inkluz il-karozza li huwa jsuq. Allura jekk dan huwa l-istat ta’ hajja li l-konvenut ipprogetta lil din il-Qorti, kif qatt jista l-istess konvenut jippretendi li jinghata kura ta’ bintu, meta sal-lum ghadu mhux qed jipprovdi ghall-manteniment, jew almenu offra xi soluzzjoni ghal dan l-obbligu tieghu lill-Qorti f’xi stadju tal-kawza. …

“Illi apparti dan kollu jirrizulta li t-tifla qed tigi kkurata sew minn ommha, u ghalhekk il-kura u l-kustodja taghha ghandha tigi fdata f’idejn l-attrici …” (sottolinear ta’ dina l-Qorti);

Ghalhekk, anke t-tielet (3) aggravju ta’ l-appellant huwa infondat;

Ikkunsidrat:

Illi anqas ir-raba’ (4) aggravju ta’ l-appellant ma huwa fondat;

Illi ma hemmx wisq x’jinghad dwar dan l-aggravju ta’ l-attur kwantu jirrigwarda d-dritt tal-konvenuta illi tircievi manteniment minghand l-attur. Tajjeb illi, qabel xejn, jigi precizat illi fis-sentenza appellata l-appellant ma giex kundannat ihallas manteniment lill-konvenuta. F’dik is-sentenza gie biss rikonoxxut “kull dritt eventwali ta’ manteniment talvolta spettanti lill-konvenuta” (pagina 29 tas-sentenza). Dan ir-rikonoxximent huwa legalment korrett. Infatti, l-obbligu illi l-mizzewgin imantnu lil xulxin jemergi mill-provvediment ta’ l-Artikolu 3 tal-Kodici Civili. Filwaqt illi l-obbligu tal-konvenuta illi tmanti lill-attur gie estint b’rizultat tal-fatt illi, kif già inghad, l-attur gie dikjarat unikament responsabbli ghas-separazzjoni personali, id-dritt tal-konvenuta illi tigi mantnuta mill-attur ma intilifx;

Minn qari tal-paragrafu enumerat hamsa u erbghin (45) tar-rikors ta’ appell jista’ jigi inferit illi l-appellant qed

jippretendi illi l-ewwel Qorti kienet ingusta mieghu meta iddikjarat illi huma mhux lest illi jmantni lil bintu (fol. 522) ghaliex, fi kliem l-istess paragrafu 45:

"… min qal li l-appellanti mhux qed imantni lill-bintu li tant jhobb u hi tant mghoxijja fuqu? Huwa veru li officjalment, l-appellanti mhux qed jghaddi manteniment lill-bintu, però manteniment *in kind* qed jivversalha, u dana gie deskritt ampjament iktar 'l fuq. Imma l-ewwel Qorti, dana l-fatt mhux kontestat injoratu ukoll" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Tajjeb, ghalhekk, illi wiehed jara f'hiex jikkonsisti dan il-"manteniment *in kind* … deskritt ampjament iktar 'l fuq". Safejn tista' tikkonkludi dina l-Qorti - fin-nuqqas ta' indikazzjoni aktar preciza mill-appellant - bil-kliem "iktar 'fuq" l-appellant qed jirreferi ghas-segwenti silta mill-paragrafu enumerat erbgha u ghoxrin (24) tar-rikors ta' appell:

"… [lil bintu] missierha l-appellanti jaraha kuljum, jitmaghha ghaliex dejjem tghidlu li l-appellata ma titmahix ghaliex dejjem barra mid-dar; in-nanni[e]t paterni jilqghu lill-minuri f'darhom, ilibsuha, jiehdu hsiebha u johorguha flimkien mal-appellanti …";

Huwa evidenti illi dak illi qed jaghmlu "in-nannit paterni" ghal bint il-kontendenti ma jista' qatt jigi klassifikat bhala manteniment versat *in kind* mill-appellant. Ghalhekk, skond l-appellant, il-manteniment *in kind* illi qed jivversa huwa lil bintu jikkonsisti filli "jaraha kuljum" u filli "jitmaghha" (minghajr ma jispecifika il-frekwenza). Ma kellhiex wisq x'tinjora l-ewwel Qorti!

Ikkunsidrat:

Illi jista' issa jigi konsidrat it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant. Dan l-aggravju jirrigwarda l-assenjazzjoni lill-konvenuta ta' l-appartament numru 2 f'St. Patrick's Court, Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann, formanti parti mill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti. Il-lamentela ta' l-attur appellant kontra din l-assenjazzjoni illi b'xi mod timmerita konsiderazzjoni hija illi huwa qatt ma

kellu jigi kundannat ihallas manteniment lil martu u lil bintu. Fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet appena maghmula waqt il-konsiderazzjoni tar-raba' (4) aggravju din il-lamentela ta' l-appellant ma hijiex valida u, konsegwentement, anqas ma huwa validu it-tieni (2) aggravju ta' l-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi fil-paragrafu enumerat sebgha u erbghin (47) tar-rikors ta' appell l-appellant, in sostenn tal-hames (5) aggravju tieghu, qieghed jissottometti illi l-provvedimenti ta' l-Artikolu 48 ma messhomx gew applikati kontra tieghu ghaliex huwa "la kien hati ta' xi Adulterju, jew li abbanduna d-dar konjugali". L-appellant konvenjentement qieghed jinjora l-fatt illi l-ewwel Qorti ikkonkludiet - konkluzjoni illi, tajjeb illi jigi ripetut, l-attur ma appellax minnha - illi huwa unikament responsabbli ghall-firda personali bejn il-kontendenti minhabba "sevizzi, eccessi u ngurji gravi kommessi mill-attur fil-konfront tal-konvenuta u l-minuri binthom" (fol. 517) (Art. 41 tal-Kap. 16). Huwa evidenti illi l-ewwel Qorti applikat il-provvedimenti ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili kontra l-attur minhabba l-konkluzjoni taghha imsemmija fis-sentenza ta' qabel din, kif kellha d-diskrezzjoni illi taghmel *ai termini* ta' l-Artikolu 51 ta' l-istess Kodici Civili. Mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni hekk ezercitata mill-ewwel Qorti u, konsegwentement, qed tirrespingi l-hames (5) aggravju ta' l-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi in sostenn tas-sitt (6) aggravju tieghu l-appellant jissottometti hekk fil-paragrafu enumerat disgha u erbghin (49) tar-rikors ta' appell:

"dana l-aggravju jirrigwarda l-applikazzjoni ta' Artiklu 54(6) tal-Kapitlu 16 li fil-kuntest ta' dak li gie mtenni fir-Raba' Aggravju izjed il-fuq dwar l-infondatezza tal-argumenti tal-ewwel Qorti dwar il-Manteniment, zgur ma jaghmilx sens …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Huwa evidenti illi, la darba ir-raba' (4) aggravju ta' l-appellant, kif già inghad, mhux fondat, anqas is-sitt (6) aggravju ta' l-appellant ma jista' jigi akkolt;

Ikkunsidrat:

Illi dak kollu illi jissottometti l-appellant in sostenn tas-seba' (7) aggravju tieghu fil-paragrafi enumerati minn hamsin (50) sa tnejn u hamsin (52) tar-rikors ta' appell huwa irrilevanti. L-ewwel Qorti assenjat l-appartament numru 2 , St. Patrick's Court, Triq San Gwann tal-Gharghar, San Gwann lill-konvenuta b'ezercizzju tad-diskrezzjoni moghtija lilha bl-Artikolu 54(6) tal-Kodici Civili. Anke f'dan ir-rigward hija l-fehma ta' dina l-Qorti illi ma ghandhiex tiddisturba l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni;

Ghalhekk, qed jigi respint ukoll is-seba' (7) aggravju ta' l-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi t-tmien (8) u l-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-kundanna illi huwa jhallas l-ispejjes gudizzjarji kollha ta' l-ewwel istanza. L-appellant qed jissottometti illi din il-kundanna hija ingusta ghaliex huma ma kienx responsabbli ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti. Minn dak illi inghad ripetutament hawn fuq jirrizulta ampjament illi din is-sottomissjoni ta' l-appellant hija infondata. Ghalhekk, jirrizulta ukoll illi huwa infondat it-tmien (8) aggravju ta' l-appellant;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi, ghall-kjarezza, tiddikjara illi l-fond imsemmi fil-partita enumerata hamsa (5) tad-disposittiv jinsab f'St. Patrick's Court, b'dan illi t-terminu ta' ghoxrin (20) gurnata msemmi fl-istess partita ghandu jibda jiddekorri mill-lum, u b'dan ukoll illi l-kuntratt imsemmi fil-paragrafu enumerat sebgha (7) tad-disposittiv ghandu jigi pubblikat fit-30 ta' Novembru, 2006.

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------